**Miss Mary Caruana, minn Għasri, Għawdex**

Mary tgħid hekk: Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti tal-grazzja li qalgħetli meta, fit-Tmintax ta' April 1998, kont nieżla t-taraġ u waqajt u tgerbibt l-aħħar żewġ tarġiet u weġġajt sieqi. Sa nofsinhar imxejt bi tbatija. Imma wara nofsinhar kienet tuġgħani ħafna u ma stajtx inpoġġiha fl-art. Ftakart fl-ilma tal-Girgenti u għamiltilha minnu u nfaxxajtha u poġġejt laptu tal-Madonna tal-Girgenti (tal-Konsagrazzjoni) u mort qgħadt fis-sodda.

Wara xi nofs siegħa ohti qaltli: "Inżel mis-sodda u ara għadhiex tuġgħek." Ma kontx nemmen li ma għadhiex tuġgħani. Imma toħroġ il-għaġeb, stajt inpoġġiha fl-art u ma kienetx għadha tuġgħani u qatt ma erġajt ħassejtha.

Ma jistax ikun li fieqet f'nofs siegħa! Grazzi Madonna tal-Konsagrazzjoni tal-grazzja li tajtni!

## AVVIŻI

1. Il-Laqgħat ta' Talb li jmiss se jsiru kif ġej:
   JANNAR: Fit-3 u fis-17. Ħin: fit-3.00 p.m.
   FRAR: Fis-7 u fil-21. Ħin: fit-3.30 p.m.
   MARZU: Fis-7 u fil-21. Ħin: fl-4.00 p.m.
   APRIL: Fl-4 u fit-18. Ħin: fil-5.30 p.m.

2. Tinsewx tibgħatulna rapport tal-grazzji li taqilgħu. Ikbtu, jew lis-segretarja:
   Dr. S. Spiteri LL.D.,
   16, St. James Str., Siġġiewi
   jew lill-Editur ta' dan il-Fuljett:
   Bro. Victor Privitera
   Stella Maris College – Gżira.

3. Min mhux tesserat hu mitlub jieħu formola ta' Applikazzjoni għal Sħubija fil-Moviment *Madonna tal-Konsagrazzjoni*. Staqsu lil xi membru tal-kumitat għal aktar informazzjoni.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 37 JANNAR 1999 JITQASSAM BLA ĦLAS



**XEWQAT MIL-ISBAĦ**
**LILL-KUMITAT U 'L-MEMBRI KOLLHA**
**TAL-MOVIMENT**
***MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI***
**LILL-QARREJJA TA' DAN IL-FULJETT**
**U ID-DEVOTI TAL-MADONNA**
**LI JIĠU GĦAL-LAQGĦAT TA' TALB**
**IL-GIRGENTI,**
**GĦAS-SENA 1999**

# ĠUŻA MIFSUD FUQ IT-TELEVISION

Ftit tal-ġimgħat ilu, kien hemm programm fuq it-television li suppost kien fuq Ġuża Mifsud tas-siġġiewi u l-Ġrajjiet tal-Girgenti. Kummenti li saru minn min ra dan il-programm, juru li l-effett fuq it-tele-spettaturi, kien aktarx pożittiv. Infatti, fil-Laqgħa ta' Talb li saret fl-ewwel Ħadd ta" Novembru (1998) attendiet folla li mliet il-post tal-laqgħa kollu.

Imma waqt il-programm, kien hemm xi kelliema li qalu affarijiet li m'għandhomx jibqgħu għaddejjin mingħajr spjegazzjoni.

## Rigward il-Madonna

Kien hemm kelliem li wera apertament li ma jemminx fil-Madonna kif nemmnu aħna. Għalih Hi m'hijiex ħlief "Marija oħra", jiġifieri mara komuni bħall-oħrajn; u ma jemminx li Hi taqla' l-grazzji għax Alla biss jagħmel il-markali. Ċert, Alla biss jista' jagħmel il-mirakli, imma hi l-Madonna li taqbeż għalina biex naqilgħu l-grazzji mingħand Alla. Aħseb fil-miraklu tat-tieġ ta' Kana. Ġesù għamel il-miraklu tal-inbid għat-talba tal-Madonna!

Aħna nemmnu li l-Madonna hija Omm Ġesù li hu l-Iben t'Alla, u għalhekk "Hi Omm Alla", kif tgħallimna l-Knisja Kattolika.

Min ma jemminx dan li għidna, m'għandux isejjaħ lilu nnifsu kattoliku!

## Rigward il-Grazzji

Il-grazzji li nqalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u t-talb ta' Ġuża Mifsud huma ħafna. Biċċiet minnhom kienu kbar u oħrajn, f'għajnejna, mhumiex ta' importaza kbira. Imma għal min qala' dawn il-grazzji, kollha kienu jfissru li l-Madonna ħadet interess speċjali f'min talabha bil-fidi.

Intqal li dawk l-imsejħa grazzji, mhumiex ħlief fejqan naturali b'self conviction, mingħajr intervent soprannaturali. Jista' jagħti l-każ li jkun hemm xi fejqan bħal dan, imma l-ebda persważżjoni ma tista' tfejjaq mard organiku. Insemmu biss żewġ każi, li l-ebda rimedju ma seta' jfejjaq.

Kulħadd seta' jara, fuq it-television, lil Doris Attard turi idha li kienet fieqet wara li kienet ikkangrat, mietet u nitnet! Doris kienet tmur għand Ġuża u t-tnejn kienu jitolbu flimkien quddiem l-inkwadru tal-madonna. Ġuża kienet qalet lil Doris li l-Madonna kienet se tfejjaqha. U hekk ġara. Il-Profs. Casalletto ried jaqtalha id-driegħ. Ġuża ma ħallithiex u wara xi xahrejn id Doris fieqet għal kollox. Meta l-Profs ra dik l-id imfejqa ma beżgħax jgħid li kien miraklu, u ħareġ ċertifikat għal dan il-fejqan straordinarju.

Każ ieħor kien ta' tarbija f'ġuf ommha. It-tobba (f'Londra) meta għamlu *scanning* tat-tarbija sabu li l-qalb kienet diformata. Ġuża ġiet mgħarrfa b'din id-disgrazzja. Hija weghdet talb ħerqan. Id-difett fil-qalb kien għadu jeżisti sa ftit ġimgħat qabel it-twelid. Imma, meta kien wasal qrib it-twelid tat-tarbija, sar l-aħħar *scanning* u t-tobba ddikjaraw lill-ġenituri tat-tarbija li d-difett kien sparixxa. Dan sar mingħajr ma ttieħed ebda rimedju li seta' jfejjaq d-diformità tal-qalb. Hemm iċ-ċertifikati kemm tad-difett u kemm tal-fejqan. It-tarbija twieldet b'saħħitha u perfettament normali kif juri ċ-ċertifikat.

Hemm każijiet oħra serji, bħal meta kanċer sparixxa sew sew qabel operazzjoni u mingħajr ma t-tobba jafu kif.

Nitolbu bil-fidi, għax Ġesù qal: "Min jitlob, jaqla'."



## Id-dehriet tal-Madonna u l-kuntatti magħha

Intqal ukoll li dawk li Ġuża sejħet "dehriet tal-Madonna" u dehriet oħra, ma kienux ħlief "projezzjoni" minn moħħ Ġuża waqt li kienet tkun mitlufa f'talb "estatiku". Dan juri biċ-ċar li l-"espert tal-psikoloġija" ma kien jaf xejn fuq Ġuża (kif huwa stess ammetta), u xejn fuq l-imġieba tagħha.

Dawn in-nies li sparlaw fuq id-dehriet f'Wied il-Girgenti ma kienu jafu xejn fuq id-dettalji tad-dehriet u lanqas fuq id-dehriet li kellha Ġuża d-dar tagħha u l-messaġġi li l-Madonna u Ġesù tal-Ewkaristija kienu jgħaddulha.

## Il-Profeziji

Inkwantu għall-profeziji li Ġuża għamlet, ma nafux jekk hi kellhiex id-don tal-*clairvoyance* (tkun taf x'qed jiġri fid-dinja u l-futur) jew kellhiex tnebbiħ speċjali mis-Sema. Dak li nafu hu li meta hi kienet twissina biex nitolbu ħafna biex ma jsirux affarijiet koroh fuq Malta, kif kellhom jiġru fuq id-dinja qabel l-2000, kienet tgħidilna: "Dan nafu mis-Sinjura tal-Ħajja". Ftit ġimgħat qabel ma mietet, rigward dawn l-affarijiet, Ġuża qalet: "Jiena naf kollox, imma ma nista' ngħid xejn."

## Il-Fenomini fis-Sema

Fis-sema tal-Girgenti, saru fenomeni differenti imma l-akbar wieħed kien dak tat-8 ta' Ġunju 1988, fis-6.00 p.m. meta kellha ssir Laqgħa ta' Talb. X'kien se jiġri dakinhar, ħadd ma kien jaf ħlief Ġuża Mifsud, għax kienet qaltilha l-Madonna. Infatti Ġuża baghtet għar-*reporters* tal-gażżetti "Għax il-Madonna kienet se taghti messaġġ speċjali", qaltilhom. Telgħu *reporters* ta' gażżetta waħda biss. It-temp kien ħażin u kien hemm folla żgħira biss. Ħadd ma kien jistenna li se jsir xi ħaġa speċjali, għax Ġuża ma qalet lil ħadd.

Jiena kont hemm! Fl-ebda mument ma ċċassajt lejn ix-xenarju li nfetaħ fejn kienet tidher ix-xemx, bir-raġġi tilgħin 'il fuq u niżlin 'l isfel, waqt li lwien, ikħal, aħmar u isfar, infirxu fuq il-wied quddiemna u fuq in-nies preżenti għat-talb. Ippruvajt insib ir-raġuni għaliex kien qed isir dan il-fenomenu, u ma sibtx.

F'ċertu mument Ġuża qalet: "Ix-xemx mhiex qegħda f'postha!". Infatti, jien indunajt li kulur ikħal, *fluorescent*, kien mifrux fuq sħaba li kienet taħt fejn konna qed naraw ix-xemx. Issa is-sħaba ma kinetx miljuni ta' mili 'l bogħod! Allura jiena fhimt li dik ma kienetx ix-xemx naturali, u li l-Madonna irregalatilna viżjoni b'messaġġ Ewkaristiku! ... u din kienet ir-raġuni għaliex dan il-fenomenu rawh biss in-nies li ġew għal-laqgħa ta'talb. Dan il-fenomenu jfakkarna fil-mariklu tax-xemx ġewwa Fatima, fl-1917.

Kieku l-espert tal-psikoloġija u fenomeni strambi kien preżenti il-Girgenti dakinhar, kieku kien jaħsibha mod ieħor rigward il-fenomenu straordinarju li rajna fit-8 ta' Ġunju 1988!

## Konklużjoni

Biex wieħed jgħaddi ġudizzju fuq dehriet, mirakli, fenomeni, profeziji eċċ. ... irid ikun jaf sew il-fatti kollha u mhux japplika regoli ġenerali li ma jkunux applikabbli għall-każ taħt eżami. Aħna li nafu sew lil Ġuża Mifsud u li iffrekwentajnieha għal ħafna snin, nemmnu bis-sħiħ fil-ġrajjiet tal-Girgenti u fil-messaġġi li Ġuża kienet tgħaddilna min-naħa tal-Madonna.

*L-Editur*

# IL-ĠUBLEW TAL-2000

Bdejna s-sena 1999 li għandha twassalna għall-Ġublew 2000 li se jinfetaħ uffiċjalment mill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Milied ta' din is-sena. Dan se jkun Ġublew ta' importanza storika!

Mil-lat ċiviku u reliġjuż, qed isir ħafna xogħol ta' tħejjija kemm mill-Gvern Taljan u kemm mill-vatikan. Jistennew li miljuni se jżuru Ruma matul il-Ġublew. Dawn iż-żjarat mhumiex biss vjaġġi ta' btala u kurżità, imma pellegrinaġġi ta' talb u penitenza. Ħafna indulġenzi jistgħu jinqalgħu f'dawn il-pellegrinaġġi. Il-Papa se jgħin lill-penitenti billi jagħmilha aktar faċli li wieħed jaqla' indulġenza plenarja kuljum, matul il-Ġublew.

Hemm ħafna tbassir dwar il-bidu tat-Tielet Millenju. Ġuża Mifsud, ħafna qabel ma mietet, kienet ħeġġitna biex nitolbu ħafna u wissietna mingħajr waqfien biex bit-talb, il-penitenza u għamil ta' karità, inkunu nistgħu naqilgħu il-konversjoni tal-midinbin biex b'hekk nassiguraw il-ħarsien ta' pajjiżna mill-Mulej, kontra kull diżastru li għad ikun jista' jinqala'. Jalla Ġuża tkompli l-missjoni tagħha mis-Sema, favur Malta u d-dinja kollha.

**DIJKARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.**



# Mill-Messaġġ ta' Ġunju

**(Il deher fl-aħħar flujett ta' Ottubru 1998)**

F'artiklu ppubblikat f'gazzetta lokali, miktub minn persuna li ffirmat bħala "Nisrani" mill-Imsida, ġie kkritikat dak li qalet Ġuża li qaltilha l-Madonna fuq it-tqarbin.

"Nisrani" jsemmi silta mill-Katekiżmu fejn jingħad li: "min irid jirċievi 'l Kristu fit-tqarbin, irid ikun fil-grazzja t'Alla. Min iħoss li għamel xi djub mejjet, m'għandux jitqarben mingħajr ma jkun qabel irċieva assoluzzjoni fis-sagrament tal-penitenza".

Silta oħra minn paragrafu 1416 tal-Katekiżmu tgħid: "It-tqarbin tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu lil min jitqarben, taħfirlu d-dnubiet venjali u tħarsu mid-dnub gravi."

Issa, is-silta mill-messaġġ ta' Ġuża li "Nisrani" ikkritika bil-qawwa hija din: "Trid il-Madonna illi m'għandniex nirċievu 'l Ġesù tal-Ewkaristija meta nkunu mtebbgħin b'xi dnub allahares qatt mejjet, u anka venjal." Imma "Nisrani" waqaf hemm u ma kompliex iġib x'hemm wara. Bħala spjegazzjoni is-silta tkompli hekk: "Kemm jista' jkun nitbegħdu minnhom anke d-dnubiet żgħar u venjali għaliex il-Madonna qaltli li Ġesù tal-Ewkaristija, meta jidħol f'dik ir-ruħ, jixtieq illi isibha ĠNIEN SABIĦ imgħammra b'ħafna affarijiet spiritwali u tajba ...".

Din l-aħħar parti tas-silta li "Nisrani" ħalla barra tispjega eżatt dak li trid il-Madonna, kif qalet Ġuża. Imkien Ġuża ma tmur kontra d-dutrina tal-Knisja, kif ippretenda "nisrani". Ġuża ma qaletx li hemm obbligu li tqerr dnubiet venjali qabel it-tqarbin. Il-Madonna trid li r-ruħ tkun ħielsa minn *kull dnub* għat-tqarbin.

Li t-tqarbin jaħfer id-dnubiet venjali ma fissirx li m'għandniex nagħtu każ tagħhom. Dnubiet venjali fir-ruħ waqt it-tqarbin ma jsebbħux ir-ruħ *jekk ma jkunx hemm indiema sinċiera għalihom* għaliex l-ebda dnub ma jista' jinħafer mingħajr indiema. Nistgħu nqisu dawn id-dnubiet venjali bħala "xewk u għollieq" fil-"ġnien" fejn jinżel Ġesù!

Is-sagramentali wkoll jaħfru dnubiet venjali; per eżempju, trodd is-salib bl-ilma mbierek u tagħmel att ta' indiema għal dawk id-dnubiet qabel it-tqarbin, tippurifika r-ruħ u tkabbar l-imħabba għal Ġesù. Ta' min jirrikmanda il-qrar ta' dnubiet venjali kif kienu jagħmlu l-qaddisin u kif jagħmlu t-tajbin.

M'hemmx bżonn tkun "teologu" biex tifhem il-messaġġ tal-Madonna kif semmiet Ġuża. Din twissina kontra n-nuqqas serju ta' fidi fl-Ewkaristija għax illum hemm tendenza li ħafna nies, mhux biss ma jimpurthomx mid-dnubiet venjali, iżda anke mid-dnubiet gravi. "Nisrani" imissu jistaqsi lis-saċerdoti biex ikun jaf aħjar x'inhi is-sitwazzjoni illum dwar it-tqarbin ħażin li Ġesù u l-Madonna jilmentaw fuqhom ma' Ġuża Mifsud.

Jekk "Nisrani" ma jridx jemmen fil-Ġrajjiet tal-Girgenti, affari tiegħu; mhuwiex obligat jemmen. Imma m'għandux dritt iħawwad il-moħħ ta' min irid jemmen.

Inkwantu għall-"Imprimatur' u n-"Nihil Obstat' mhemmx bżonnhom għall-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' mirakli, dehriet, messaġġi mis-Sema, rivelazzjonijiet, profeziji eċċ.... Qed inġibu hawn isfel AVVIŻ IMPORTANTI li ppubblikajna kemm-il darba f'***Leħen il-Girgenti***.

***L-Editur***

Id-Digriet tal-Kongregazzjoni għall-Propagazzjoni tal-Fidi (A.A.s.. 58–18 tad-29 ta' Diċembru 1966) li abbroga il-Kanoni 1399 u 2318 kien approvat mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, fl-14 ta' Ottubru 1966 u kien ippubblikat bl-Awtorità ta' l-istess Papa.

Id-Digriet jgħid: **"Mhux projbit li xxerred, mingħajr Imprimatur, kitbiet li għandhom x'jaqsmu ma' dehriet, revelazzjonijiet, viżjonijiet, profeziji u mirakli".**

Għalhekk hadd m'għandu jeżiġi xi ***imprimatur*** speċjali mill-Kurja għall-pubblikazzjoni ta' dan il-fuljett.

Madankollu, aħna għamilna dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma rridu ngħaddu ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija f'din il-fuljett.

# GRAZZJI MAQLUGĦA

Fil-Girgenti sibna *card* b'dan il-messaġġ: *O Verġni Mqaddsa, Omm Iben Alla, permezz ta' Ġuża Mifsud għażilt dan il-post sabiex minnu xxerred xita ta' grazzji fuq min jitlob ħniena, maħfra u għajnuna tar-ruħ u l-ġisem. Idħol għalina!*

## Grazzja ta' Konverżjoni

Persuna li ma tixtieqx tgħarraf isimha irrappurtat grazzja ta' konverżjoni minn żewġha. Ir-raġel tagħha għadda kważi sena b'relazzjoni ma' mara oħra. Sar talb lill-Madonna biex din ir-relazzjoni ħażina tieqaf. Anke talb lil Ġuża.

Ir-raġel ma kienx qed jiffrekwenta is-sagramenti. Imma issa r-raġel qata' kull relazzjoni mal-mara l-oħra u qiegħed jipprattika ir-reliġjon normalment u jersaq għas-sagramenti.

Ta' din il-grazzja, din il-persuna tirringrazzja lill-Madonna kif ukoll lil Ġuża Mifsud għall-interċessjoni tagħha.

## Mrs. Inez Lanzon tirrapporta

Qed nibgħat kobtribuzzjoni ta' flus b'ringrazzjament ta' grazzja kbira li tagħtni ta' *kidney transplant*, ta' għaxar snin ilu, li permezz tagħha, għext dawn l-aħħar għaxar snin. Jiena kont fl-aħħar ta' ħajti.

Daqshekk ili nirringrazzja 'l Alla u nibqa' nirringrazzjah sakemm immut.

## Mrs. C.B. minn tas-Sliema

Din il-pesuna minn tas-Sliema, kienet għaddejja minn fuq bankina, u kien hemm ħofra. Sieqha daħlet fiha. Hi kompliet timxi, imma sakemm waslet id-dar tagħha sieqha bdiet tuġagħha hafna. Ħasbet li kienet kisritha u kienet sejra tmur l-isptar; bl-uġigħ li kellha, lanqas ma' l-art ma setgħet tagħmilha filgħaxija. Għalhekk infaxxat sieqha u fil-faxex poġġiet santa tal-Madonna u Ġuża, it-tnejn stampati fuq l-istess santa. Marret torqod għax ma felhitx bl-uġigħ li kellha.



Filgħodu, meta qamet u għamlet sieqha ma' l-art l-uġigħ mar għal kollox u setgħet timxi fuqha sew.

B'ringrazzjament lill-Madonna tal-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud, toffri xi ħaġa għall-ispejjeż.

## J.H. minn Paola, Tessera tal-Moviment, No. 161

Qabel il-Milied tas-sena l-oħra, 1997, ħarġitli ferita f'subgħajja l-kbir ta' rigli. Dhalt l-isptar għall-kura, u domt ġimgħatejn. Waqt li kont lura d-dar konvalexxenti, fi Frar 1998, trabbitli infezzjoni u kelli nerġa' nidħol l-isptar. Meta ħaduli l-*X Ray* ta' sebgħi, il-konsultent (barrani) li rani qalli li l-infezzjoni kienet missitli l-għadma ta' sebgħi, u li aktarx ikollhom jaqtgħuli sebgħi barra. Kif qalli hekk jien għidt: "Oh, No!" u hu rrispondieni: "either one toe or the whole leg!"

F'Awissu kien imissni nidħol l-isptar fl-*Out Patient*, u meta l-konsulent (li erba' xhur qabel kien qalli li aktarx jaqtgħuli sebgħi barra) eżaminani, esklama: "You are lucky; it's a miracle"; għax sebgħi kien fieq, u ma kellix bżonn ta' operazzjoni.

Jiena kont nitlob ħafna lill-Madonna u lil San Ġużepp għall-fejqan. Jien ili nattendi għal-laqgħat fil-Girgenti sa mill-1992.

## Fejqan ta' Joseph Aquilina, imħabbar minn Ġuża

Joseph kellu aċċident bil-mutur ma' trakk kbir fis-Siġġiewi. Sieqū l-leminija inkisret fi tliet bnadi u tilef biċċa għadma ta' tliet pulzieri mil-qasba, li ħarġitlu barra.

Għall-ewwel il-Professur (Dr. Grixti) ħaseb li jkollu jaqtagħlu sieqū. Lil Joseph telagħlu deni qawwi u niżżluh fl-I.T.U. Il-Professur beża' minn *Fat Ambulism* li setgħet tiqaflu f'qalbu.

Morna għand Ġuża tal-Madonna. Din għamlet lejl sħiħ titlob għalih u għall-morda kollha tal-I.T.U. L-għada ċ-*Chief* tal-I.T.U. qalilna li qatt ma kellhom lejl kwiet u trankwill mill-morda kollha daqs dak il-lejl. Il-Professur qal li Joseph se jdum l-isptar u li jkollu operazzjoni twila u li sieqū tiqsarlu xi pulzier.

Ġuża qaltilna, meta erġajna morna għandha, li Joseph ma jdumx l-isptar żmien twil u li sieqū, jekk tiqsarlu, tiqsarlu biss moħxon karta *foolscap*. Fil-fatt, l-isptar dam biss xahar u ġimgħa, u, sieqū, qal il-Professur, qsaritlu xi millimetru. Il-Professur kien qal li l-operazzjoni kienet se ddum minn tlieta sa erba' sigħat. Ġuża qaltilna li l-operazzjoni se ddum sagħtejn biss. Infatti sarulu żewġ operazzjonijiet f'daqqa, f'sieqū u fil-*hip*, u dam sagħtejn eżatt.

Joseph dam ftit bil-krozzi u bil-bastun, u llum (18 ta' Ġunju 1984) jimxi sewwa u hu *nurse*.

## Ġuża Buontemop tirringrazzja

Guża Buontempo tirringrazzja 'l Alla, f'isem il-familja kollha għall-grazzji kbar li qalgħet f'dawn l-aħħar jiem permezz tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u bit-talb u interċessjoni ta' Ġuża Mifsud tal-Girgenti. 8 ta' Mejju 1998

## Mary Galea tirrapporta

Ġorġina, oħt Mary, ġiet Malta mill-Awstralja, għal btala. Marret l-isptar għal operazzjoni fl-imsaren fejn kien hemm ħsara serja.

Damet xahrejn l-isptar u talbet ħafna lil Ġuża biex l-operazzjoni tmur tajjeb. Qalgħet din il-grazzja u marret lura lejn l-Awstralja.